# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 555/2017/1 MH**

**Illum 27 t'April, 2022**

**Anthony Schembri (K.I. 347677M), Alison Schembri (K.I. 229475M) u Edrick Mario Schembri (K.I. 451984M)**

**vs**

**Aldo Busuttil (K.I. 295564M) u Pauline Busuttil (K.I. 116365M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-konvenuti Aldo Busuttil u Pauline Busuttil tal-20 ta' Diċembru 2021** permezz ta' liema għamlu referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet premessi nhar l-10 ta' Diċembru 2021 u talbuha tippronunzja ruħha dwar l-ispejjeż tal-kawża liema deċiżjoni kienet nieqsa mill-istess sentenza. Fil-fehma tal-konvenuti għandhom ikunu l-atturi li jagħmlu tajjeb għalihom;

Rat **ir-risposta tal-atturi Anthony Schembri et tal-21 ta' Jannar 2022** permezz ta' liema qablu li għandu jiġi deċiż il-kap tal-ispejjeż iżda fil-fehma tagħhom kull parti għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqies li f'dan il-każ japplika l-artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li fost it-talbiet proposti kemm fir-rikors ġuramentat u anke fil-kontro-talba kien hemm dik dwar il-kap tal-ispejjeż.

L-artikolu 235 tal-Att jgħid hekk -

*"235.Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissa decisione:*

*Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba; f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:*

*Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża."*

Ir-rikors in eżami ġie intavolat entro t-terminu stabbilit mill-liġi.

**Il-Qorti wara li rat is-sentenza mogħtija minnha fl-10 ta' Diċembru 2021 taqta' u tiddeċiedi li għandhom ikunu l-atturi li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-kawża.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**